# Il-Kbir Kanċellier Franċiż Jean Gerson
## Sitt mitt sena ilu ppropona lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja (1414 - 2014)

*Kitba ta' Fr Charles Buttigieg*

### Nota Editorjali

Ikolli nistqarr magħkom li ftit insib kontributuri bħal Fr Charles Buttigieg li jissorprenduni bis-suġġetti li jiktbu dwarhom. U meta tqis li l-qasam ta' Fr Charles huwa l-Josefoloġija u mhux ir-riċerka storika, allura xogħlu jieħu mertu akbar. Minħabba t-tagħrif skars li jeżisti dwar il-ħajja tal-Maħbub tagħna San Ġużepp, allura dak li jista' jinkiteb dwar xi kultant ikun limitat għalina. Id-Dutturi tal-Knisja, l-Għorrief u s-Santi Padri kienu jaħsbuha mod ieħor għax kitbu volumi fuq volumi u sa enċiklopedija dwar San Ġużepp. Permezz ta' dan l-artiklu, Fr Charles qed jagħti ħarsa lil wieħed mill-akbar difensuri u promoturi tad-devozzjoni ta' San Ġużepp, il-Kanċillier Francis Jean Gerson, u jgħarrafna dwar anniversarju marbut miegħu.

Jean Charlier de Gerson twieled f'Barby f'Champagne fid-djoċesi ta' Rheims fi Franza fit-13 ta' Diċembru 1363 (650 sena ilu) u miet nhar it-12 ta' Lulju fis-sena 1429 fl-età ta' 65 sena ġewwa Lyon. Huwa kien persuna ekkleżjali u skular għoli, u teologu magħruf, josefologu u kittieb kbir. Huwa studja bejn l-1377 u l-1394 fl-Università ta' Pariġi taħt Pierre d'Ailly (jew Petrus de Alliaco) fejn kiseb id-dottorat. Huwa laħaq kanċellier tal-Università ta' Pariġi fl-1395 u kanonku tal-Katidral Notre Dame ta' Pariġi. Fl-1403 laħaq Kurat ta' Saint Jean en Greve. Huwa ħadem biex tissolva l-kwistjoni tal-Papat kemm fil-Konċilju ta' Pisa fl-1409 u kemm fil-Konċilju ta' Kostanza fl-1414 fi żmien ta' żewġ anti-papiet u papa awtentiku u għalhekk meta kien hemm tliet papiet. Fil-konċilju ta' Kostanza huwa kien il-kap tad-delegazzjoni franċiża u kkundanna lil John Huss. Wara l-konċilju ta' Kostanza fl-1419 huwa mar jgħallem fi Vjenna, fejn ħalla influwenzi fuq l-universitajiet ta' Strasbourg, Heidelberg u Tubinga. Huwa dejjem wera fedeltà lejn il-Papa speċjalment meta l-Papa kien sfurzat jingħalaq ġewwa fortizza f'Avignon. Huwa pprietka wkoll quddiem il-Papa. Għallem dwar id-duttrina tal-Immakulata Kunċizzjoni u dwar il-kobor ta' San Ġużepp. Huwa magħruf bħala 'Doctor Christianissimus u Consolatorius'. Fost il-kitbiet spiritwali tiegħu nsibu: The Mountain of Contemplation, Mystical Theology u The Perfection of the Heart.


**Jean Gerson f'pittura tal-artist Manuel Farrugia li tintrama f'Misraħ Ħal Kirkop.**

Ikoll nafu li kien il-Beatu Papa Piju IX (il-Papa Ġużeppin per eċċellenza li dam imexxi l-Knisja għall-iktar minn 31 sena, l-iktar li dam wara San Pietru) li ħass il-bżonn u għażel li qiegħed il-Knisja Kattolika taħt il-Patroċinju speċjali ta' San Ġużepp. Huwa għamel il-festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp 'al prima klassi' ċċelebrata fit-tielet Ħadd tal-Għid, fl-10 ta' Settembru 1847. Kien f'mument diffiċli għall-Knisja, theddid minn barra l-Knisja permezz tal-Liberaliżmu u minn ġewwa l-Knisja fl-isfond tal-Moderniżmu, li l-Knisja ta' Kristu b'leħen il-kbir tal-Beatu Papa Piju IX, fit-8 ta' Diċembru fl-1870 bid-Digriet Urbi et Orbi, ħatret lil San Ġużepp bħala Patrun Universali tal-Knisja. Kien proprju dan li ried jagħmel Jean Gerson fil-Konċilju ta' Kostanza li sar 600 sena ilu (1414-1418) fejn ried jafda lill-Knisja li kienet għaddejja minn żmien diffiċli taħt il-patroċinju ta' San Ġużepp. Huwa ried jafda lill-Knisja lil San Ġużepp u li l-Papa l-ġdid u awtentiku, fix-xiżma tat-tliet papiet, ikun fuq l-eżempju ta' San Ġużepp. Waqt dan il-konċilju, dan il-Kanċillier tal-Università ta' Pariġi kiteb poeżija dwar San Ġużepp ta' 3000 vers bl-isem 'Josephina'. Bħal San Ġużepp li kien iddedikat kemm għat-talb u kemm għax-xogħol, Gerson għallem din il-'vita mixta'.

Fil-fatt fil-Konċilju ta' Kostanza permezz tal-ħidma u tal-predikazzjoni tal-Kanċellier Jean Gerson kompla ħeġġeġ il-kult lejn San Ġużepp u l-festa tiegħu dik tad-19 ta' Marzu. F'Kostanza fl-1416 Gerson saħħaħ il-festa tat-tieġ ta' San Ġużepp li mbagħad daħlet b'mod uffiċjali fl-1429. Huwa għallem li San Ġużepp tqaddes fil-ġuf qabel it-twelid, bħal San Ġwann il-Battista. Anke San Alfons Maria de Liguori kien tal-istess fehma. Insibu wkoll lil Bernardinu de Bustis u Kornelju a Lapide li kitbu dwar l-Immakulata konċepiment ta' San Ġużepp. Il-Beatu Duns Skotu u Fr Charles Balic għallmu l-istess ħaġa dwar San Ġużepp. Jean Gerson, għallem ukoll li San Ġużepp bħal Madonna kien meħud is-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

Filwaqt li qegħdin inħejju għal diversi anniversarji speċjali marbuta ma' San Ġużepp fosthom il-mitt sena mid-dehra ta' San Ġużepp flimkien mal-Familja Mqaddsa ġewwa Fatima fl-1917, il-150 sena mill-Proklamazzjoni ta' San Ġużepp bħala Patrun Universali tal-Knisja fl-1870 u l-2000 sena mill-mewt ta' San Ġużepp nitolbu sabiex

il-Knisja mmexxija dejjem mill-Ispirtu s-Santu taħt il-Papa Franġisku bil-qalb ta' San Ġużepp, tkompli dejjem iddawwalna u tkabbar it-tagħlim tagħha dwar il-Qaddis Patrijarka San Ġużepp, Patrun tal-Knisja Universali kif kien xtaq ħafna Gerson sitt mitt sena ilu.

**Biblijografija**


CALKINS, A.B., "The Justice of Joseph Revisited", in *Homiletic & Pastoral Review* (June 1988) 8-19.

FITZMYER, J.A., *The Gospel according to Luke I-IX*, New York 1981.

GIOVANNI XXIII, *Lettera Apostlica, Le Voci, sulla Protezione di San Giuseppe per il Concilcio Ecumenico Vaticano II*, 19 Marzo 1961.

GRIFFIN, M.D., *Saint Joseph and the Third Millenium*, Hubertus (WI) 2000.

Lieberman, M., "Jean Gerson, Pierre d'Ailly, Jean Eck et Saint Joseph", in *Cahier de Josephologie* 16 (19680 293-336.

Mazour-Matusevich, Y., "Jean Gerson's legacy in Tubingen and Strasbourg", in *The Medieval History Journal* 13 (2010) 259-286.

Morall, J.B., *Gerson and the Great Schism*, 1960.

Morrissey, T.E., "The call for unity at the Council of Constance: Sermons and addresses of Cardinal Zabarella, 1415-1417", in *Church History* 53 (1984) 307-318.

Richardson, C.M., "St. Joseph, St. Peter, Jean Gerson and the Guelphs", in *Renaissance Studies* 26.

STRAMARE, T., *Saint Joseph, "Guardian of the Redeemer" Text and Reflections*, Santa Cruz (CA) 1997.

Stump, P., "A new bibliographical register of the sermons and other speeches delivered at the Council of Constance (1414-1418)", in *Medieval Sermon Studies*, 50 (2006).